DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/87

tal-21 ta' Jannar 2015

li taċċetta l-impenji offruti b'konnessjoni mal-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fit-30 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]), il-bidu ta' rieżami ta' skadenza u ta' rieżaminazzjonijiet interim parzjali ("rieżaminazzjonijiet") tal-miżuri antidumping applikabbli għal importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ir-"RPĊ").

(2) Is-sejbiet u l-konklużjonijiet definittivi tar-rieżaminazzjonijiet huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/82 ([3]) li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-RPĊ wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku u ta' rieżaminazzjonijiet interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(3) Ta' min jinnota li l-miżuri fis-seħħ ([4]) għandhom il-forma ta' impenji għal ħames produtturi esportaturi, inkluż grupp ta' produtturi esportaturi li ġew aċċettati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/899/KE ([5]) ("impenji attwalment fis-seħħ").

2. L-IMPENJI

(4) Qabel l-adozzjoni tal-miżuri antidumping definittivi, l-istess ħames produtturi esportaturi li kkooperaw fir-RPĊ li huma partijiet għall-impenji attwalment fis-seħħ imsemmija fil-premessa 3 hawn fuq, jiġifieri COFCO Biochemical (Anhui), Jiangsu Guoxin Union Energy (li qabel kienet Yixing-Union Biochemical), il-grupp RZBC, TTCA u Weifang Ensign Industry, offrew impenji ta' prezzijiet ġodda skont l-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku bil-għan li jissostitwixxu l-impenji attwalment fis-seħħ.

(5) Bħal ma huwa l-każ fl-impenji attwalment fis-seħħ, f'dawn l-offerti ta' impenji rieżaminati, il-produtturi esportaturi offrew li jbiegħu aċidu ċitriku daqs jew ogħla mil-livelli tal-prezzijiet li jeliminaw l-effetti dannużi tad-dumping rieżaminati.

(6) Barra minn hekk, l-offerti jipprovdu għall-indiċjar tal-prezzijiet ta' importazzjoni minimi billi l-prezzijiet tal-aċidu ċitriku varjaw b'mod sinifikanti qabel, matul u wara l-perjodu ta' investigazzjoni. L-indiċjar isir skont il-kwotazzjonijiet pubbliċi tal-qamħirrum fl-UE, il-materja prima ewlenija normalment użata fil-produzzjoni tal-aċidu ċitriku.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU C 351, 30.11.2013, p. 27.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/82 tal-21 ta' Jannar 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u ta' rieżamijiet interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ara l-paġna 8 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1193/2008 tal-1 ta' Diċembru 2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazji provviżorji imposti fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 1).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/899/KE tat-2 ta' Diċembru 2008 li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċediment tal-anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 62).

(7) Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi, biex inaqqsu r-riskju ta' vjolazzjoni tal-prezz permezz ta' kumpens trasversali tal-prezzijiet, offrew li jirrappurtaw il-bejgħ kollu mhux tal-UE lil dawk il-konsumaturi li l-organizzazzjoni jew l-istruttura tagħhom testendi lil hinn mill-UE, f'każ li l-produttur esportatur ibiegħ lil tali konsumatur fl-UE.

(8) Il-produtturi esportaturi se jipprovdu wkoll lill-Kummissjoni tagħrif regolari u dettaljat dwar l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-UE, li jfisser li l-impenji jistgħu jiġu sorveljati b'mod effettiv mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-bejgħ ta' dawn il-kumpaniji hija tali li l-Kummissjoni tqis li r-riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-impenji miftiehma huwa limitat.

(9) Hu nnutat ukoll li l-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża tal-Importaturi u l-Esportaturi tal-Metalli, il-Minerali u l-Kimiki ("CCCMC") qed tingħaqad mal-ħames kumpaniji msemmija fil-premessa 4, u li għalhekk il-CCCMC se jkollha wkoll rwol attiv fil-monitoraġġ tal-impenji.

(10) Fid-dawl ta' dan, l-impenji offruti mill-produtturi esportaturi u l-CCCMC huma aċċettabbli.

(11) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja b'mod effettiv il-konformità tal-kumpaniji mal-impenji, meta t-talba għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera skont l-impenji titressaq quddiem l-awtorità doganali rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju antidumping tkun tiddependi fuq il-preżentazzjoni ta' fattura li jkun fiha għall-inqas it-tagħrif elenkat fl-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/82. Dan il-livell ta' tagħrif huwa wkoll meħtieġ sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jaċċertaw bi preċiżjoni suffiċjenti li l-konsenja tikkorrispondi mad-dokumenti kummerċjali. Meta l-ebda fattura bħal din ma tiġi ppreżentata, jew meta l-kundizzjonijiet l-oħra previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni msemmi hawn fuq ma jintlaħqux, minflok titħallas ir-rata xierqa ta' dazju antidumping.

(12) Biex jiġi iktar żgurat ir-rispett tal-impenji, l-importaturi ġew mgħarrfa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni msemmi hawn fuq, li jekk ma jintlaħqux il-kundizzjonijiet previsti b'dan ir-Regolament, jew il-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tal-impenji, dan jista' jwassal għal dejn doganali għat-tranżazzjonijiet rilevanti.

(13) Fil-każ ta' ksur jew irtirar tal-impenn, jew fil-każ ta' rtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn mill-Kummissjoni, id-dazju antidumping impost skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku japplika awtomatikament skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-impenji offruti mill-produtturi esportaturi msemmija hawn taħt flimkien mal-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża tal-Importaturi u l-Esportaturi tal-Metalli, il-Minerali u l-Kimiki, b'rabta mal-proċediment antidumping dwar importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, b'dan qed jiġu aċċettati.

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi Addizzjonali Taric
Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	COFCO Biochemical (Anhui) Co., Ltd — No 1 Daquing Road, Bengbu City 233010, Anhui Province	A874
	Manifatturat minn RZBC Co., Ltd. — No 9 Xinghai West Road, Rizhao City, Shandong Province, PRC u mibjugħ mill-kumpanija tal-bejgħ relatata tiegħu RZBC Imp. & Exp. Co., Ltd. — No 66 Lvzhou South Road, Rizhao City, Shandong Province	A926
	Manifatturat minn RZBC (Juxian) Co., Ltd. — No 209 Laiyang Road (West Side of North Chengyang Road), Juxian Economic Development Zone, Rizhao City, Shandong Province, PRC u mibjugħ mill-kumpanija tal-bejgħ relatata tiegħu RZBC Imp. & Exp. Co., Ltd. — No 66 Lvzhou South Road, Rizhao City, Shandong Province	A927
	TTCA Co., Ltd. — West, Wenhe Bridge North, Anqui City, Shandong Province	A878
	Jiangsu Guoxin Union Energy Co., Ltd. — No 1 Redian Road, Yixing Economic Development Zone, Jiangsu Province	A879
	Weifang Ensign Industry Co., Ltd. — No 1567 Changsheng Street, Changle, Weifang, Shandong Province	A882

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2008/899/KE hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER